MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Talba Numru. 185/2010

**Mobisle Communications Limited
(C – 24655)**

**vs**

**Matthew Xuereb
(I.D. 431682M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€721.87), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 361370 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dwak ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€721.87), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------